



*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0075/2024**

15.1.2024

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni umanitarja f'Gaza, il-ħtieġa li jintlaħaq ftehim ta' waqfien mill-ġlied u r-riskji ta' eskalazzjoni reġjonali (2024/2508(RSP))

**Anna Fotyga, Charlie Weimers, Elżbieta Kruk, Veronika Vrecionová, Anna Zalewska, Waldemar Tomaszewski, Zdzisław Krasnodębski, Bert-Jan Ruissen, Hermann Tertsch, Witold Jan Waszczykowski, Alexandr Vondra, Anđelika Anna Możdżanowska, Joachim Stanisław Brudziński**

f'isem il-Grupp ECR

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni umanitarja f'Gaza, il-ħtieġa li jintlaħaq ftehim ta' waqfien mill-ġlied u r-riskji ta' eskalazzjoni reġjonali (2024/2508(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar Iżrael, Gaza u l-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani,
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 2722 (2024) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-10 ta' Jannar 2024 dwar iż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali,
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU Nru 1701 (2006) tal-11 ta' Awwissu 2006 dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani,
  - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali Kontra l-Ħtif tal-Ostaġġi tal-1979,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Hamas huwa organizzazzjoni terroristika rikonoxxuta internazzjonalment li tħaddan vjolenza estrema; billi l-għan prinċipali ddikjarat tiegħu huwa li jeqred lil Iżrael u jirrifjuta soluzzjoni ta' żewġ stati; billi sa mit-twaqqif tiegħu, il-Hamas kien responsabbli għal ħafna attacchi suwiċida bil-bombi u attacchi fatali oħra fuq ċivili u suldati Iżraeljani; billi fl-1997, id-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti kklassifika lill-Hamas bħala organizzazzjoni terroristika, li kienet segwita minn deċiżjoni simili mill-UE; billi fl-2005, Iżrael irtira kompletament minn Gaza, u ħalla l-amministrazzjoni tagħha f'idejn l-Awtorità Palestinjana;
- B. billi minkejja li wettaq atti ta' terroriżmu li għibdu l-kundanna internazzjonali, il-Hamas rebaħ l-elezzjonijiet parlamentari Palestinjani tal-2006, u fl-2007, ħataf b'mod vjolenti l-kontroll tal-Istrixxa ta' Gaza mill-Awtorità Palestinjana rikonoxxuta internazzjonalment f'kolp ta' stat imdemmi; billi l-Hamas ħataf il-kontroll sħiħ fuq l-aspetti kollha tal-funzjonament tal-Istrixxa ta' Gaza u eżerċitah mingħajr ebda sinjal ta' oppożizzjoni mir-residenti ta' Gaza jew mill-komunità internazzjonali, filwaqt li hedded b'mod miftuħ l-eżistenza stess ta' Iżrael; billi l-Hamas ikkalkula ħażin li se jkun jista' jibqa' fil-poter wara l-attakk brutali tas-7 ta' Ottubru 2023 kontra Iżrael;
- C. billi Moska ilha tappoġġja b'mod operattiv, finanzjarju u politiku lit-terroristi Palestinjani u lill-organizzazzjonijiet tagħhom mis-sittinijiet; billi kien hemm bosta rapporti kredibbli dwar kuntatti mill-qrib bejn ir-reġimi Russi u Iranjani u l-Hamas fil-ġimgħat ta' qabel l-attakk reċenti; billi l-uffiċjali tal-Hamas żaru Moska mill-inqas tliet darbiet minn meta r-Russja invadiet lill-Ukrajna; billi t-Turkija u l-Qatar għandhom relazzjonijiet privileġġati mal-Hamas; billi l-Hamas huwa theddida ideoloġika u għas-sigurtà għal ħafna pajjiżi fir-reġjun u għall-Ewropa; billi l-Hamas stabbilixxa rabtiet mill-qrib ma' organizzazzjonijiet radikali Ewropej tax-xellug;
- D. billi kmieni fil-ġhodu tas-7 ta' Ottubru 2023, qrib il-50 anniversarju tal-attakk li beda l-

Gwerra tal-Yom Kippur, il-Hamas beda attakk awdaċi u brutali fin-Nofsinhar ta' Iżrael fuq l-art, fl-ajru u bil-baħar; billi l-Hamas attakka lil Iżrael billi spara aktar minn 3 000 rokit, filwaqt li qered it-torrijiet ewlenin ta' sorveljanza u komunikazzjoni ta' Iżrael bl-użu ta' droni, tajjar diversi paragliders u qered iċ-ċint tal-fruntiera bejn Gaża u Iżrael; billi aktar minn 3 000 terrorista tal-Hamas u terroristi Palestinjani oħra qasmu l-fruntiera u qatlu aktar minn 1 200 raġel, mara u tifel u tifla f'aktar minn 15-il villaġġ u belt, u ħadu mill-inqas 240 persuna lejn Gaza bħala ostaġġi, inklużi nisa, tfal żgħar u anzjani, li wħud minnhom huma superstiti tal-Olokawstu; billi t-terroristi Palestinjani qatlu wkoll mijiet ta' ċivili innoċenti f'festival tal-mużika fil-beraħ; billi fost dawk maqtula u dawk meħuda bħala ostaġġi kien hemm għadd kbir ta' ċittadini barranin, inklużi ċittadini Ewropej; billi l-Hamas allegatament ħejja b'mod metikoluż għall-attakk terroristiku u rċieva appoġġ mill-Iran; billi tqajmu mistoqsijiet mis-servizzi tal-intelligence tal-Punent dwar l-għarfien tal-Qatar minn qabel dwar l-attakk tas-7 ta' Ottubru 2023 mill-Hamas kontra Iżrael;

- E. billi fost l-aktar atroċitajiet barbari mwettqa minn mijiet ta' Hamas u organizzazzjonijiet terroristiċi Palestinjani oħra kontra ċivili u suldati Iżraeljani fis-7 ta' Ottubru 2023 kien hemm il-qtil ta' ġenituri quddiem uliedhom u ta' tfal quddiem il-ġenituri tagħhom, id-dekapitazzjonijiet, inkluż ta' trabi, l-istupru tan-nisa, it-tortura, il-qtil u l-ħruq sal-mewt ta' ċivili u suldati Iżraeljani u l-ħruq ta' djar u proprjetajiet b'persuni ħajjin ġo fihom, li jammontaw għal delitti tal-gwerra; billi l-Hamas inizzjalment irrekordja l-attivitatijiet terroristiċi u l-atroċitajiet tiegħu u saħansitra xandarhom online, iżda wara li ġibed il-kundanna internazzjonali fittex li jiċħad li qatt wettaq dawn id-delitti;
- F. billi l-attakk tas-7 ta' Ottubru 2023 mill-Hamas wassal lil Iżrael fi gwerra kontrih f'Gaża; billi għalkemm il-Hamas ilu jitlob waqfien mill-ġlied, huwa jkompli jispara rokits f'Iżrael ta' kuljum b'mod indiskriminat; billi l-Gvern Iżraeljan iddikjara ripetutament li se jkompli jiġġieled lill-Hamas sakemm l-ostaġġi Iżraeljani kollha li qed jinżammu f'Gaża jinħelsu b'mod sikur u sakemm tingħeleb l-organizzazzjoni terroristika; billi 136 ostaġġ Iżraeljan għadhom qed jinżammu miżmuma f'Gaża mill-Hamas u minn organizzazzjonijiet terroristiċi Palestinjani oħra minkejja l-isforzi internazzjonali biex dawn jinħelsu; billi huwa maħsub li għadd ta' ostaġġi Iżraeljani m'għadhomx ħajjin;
- G. billi bejn l-24 u t-30 ta' Novembru 2023, il-Hamas ħeles 81 ostaġġ Iżraeljan bħala parti minn ftehim Eġizzjan-Qatari li waqqaf il-ġlied fl-Istrixxa ta' Gaża u ppermetta li tidħol aktar għajnuna umanitarja; billi l-Hamas ħeles 23 ċittadin Tajlandiż, wieħed Filippin u tliet Iżraeljani-Russi b'nazzjonalitajiet doppji b'arranġamenti separati mat-Tajlandja, il-Filippini u r-Russja; billi l-ftehim biex tittawwal il-pawża umanitarja u jinħelsu aktar ostaġġi Iżraeljani waqa' fl-1 ta' Diċembru 2023, peress li l-Hamas irrifjuta li jipprovdi lista tan-nisa u t-fal li kienu għadhom miżmumin u reġa' beda jillanċja rokits b'mod indiskriminat lejn Iżrael; billi l-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar (KISA), jew kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali oħra, għadu ma nġhatax aċċess mill-Hamas għall-ostaġġi Iżraeljani li għadhom qed jinżammu sabiex tiġi vverifikata l-kundizzjoni medika tagħhom u tingħatalhom il-kura medika meħtieġa;
- H. billi l-ostaġġi li nħelsu matul il-pawża umanitarja, prinċipalment nisa u tfal, irrakkontaw l-abbuż psikoloġiku, fiżiku u sesswali minn dawk li ħatfuhom; billi l-Hamas qatel ukoll għadd ta' ostaġġi Iżraeljani waqt li kienu miżmumin;

- I. billi wara l-attakk tas-7 ta' Ottubru 2023 fuq Iżrael mill-Hamas, Iżrael u l-Istati Uniti ddikjaraw b'mod konsistenti li l-Hamas ma għandu jkun jista' jkollu l-ebda rwol fil-futur ta' Gaża; billi Iżrael stqarr ripetutamente ukoll li ma jfittixx li jokkupa Gaża b'mod permanenti jew jisposta l-popolazzjoni ċivili tiegħu; billi fl-1 ta' Jannar 2024, Iżrael ħabbar fażi ġdida fil-gwerra tiegħu kontra l-Hamas billi naqqas l-għadd ta' suldati tal-Forza ta' Difiża ta' Iżrael (IDF) f'Gaża;
- J. billi Iżrael jippermetti t-trasferiment tal-ghajjnuna umanitarja lejn Gaża mingħajr restrizzjoni u, sal-lum, ippermetta li aktar minn 7 500 trakk b'aktar minn 138 000 tunnellata ta' għajjnuna, inklużi l-ilma, l-ikel, it-tagħmir mediku u l-fjuwil, jidħlu f'Gaża, b'aktar mistennija fil-futur qrib; billi aktar minn nofs l-ghajjnuna li nġhatat f'Gaża hija ikel; billi ġew irrappurtati kwistjonijiet dwar id-distribuzzjoni tal-ghajjnuna f'Gaża lil dawk l-aktar fil-bżonn, inkluż li l-Hamas ħa f'idejh konvojs ta' għajjnuna dehlina f'Gaża u spara lejn kwalunkwe ċivili Palestinjan li kien riesaq lejhom; billi ġie rrappurtat li l-Hamas idderieġa ammont sinifikanti ta' għajjnuna lill-ġellieda tiegħu stess u lil gruppi terroristiċi Palestinjani oħra fil-lista tal-UE li joperaw f'Gaża; billi l-Eġittu ddeċieda li, fid-dawl tal-brutalità tal-Hamas, ma jistax jiftaħ kompletament il-fruntiera tiegħu ma' Gaża, filwaqt li jippermetti t-trasferiment tal-ghajjnuna umanitarja f'Gaża u jipprijoritizza l-iskrinjar tas-sigurtà tal-persuni li qed jaħarbu mill-Istrixxa ta' Gaża;
- K. billi skont il-Ministeru tas-Saħħa mmexxi mill-Hamas f'Gaża, mietu 24 100 Palestinjan u aktar minn 60 000 indarbu mis-7 ta' Ottubru 2023 'l hawn; billi n-numri u d-data pprovduti mill-organizzazzjoni terroristika Hamas fil-lista tal-UE mhumiex affidabbli u spiss jinkludu kombattenti tal-Hamas kif ukoll ċivili; billi bħala riżultat tal-appoġġ qawwi għall-Hamas fost il-Palestinjani u l-użu tat-tattiċi tal-gwerilla minn gruppi terroristiċi Palestinjani, huwa diffiċli li ssir distinzjoni bejn vittmi ċivili u vittmi militari; billi aktar minn 1 200 Iżraeljan inqatlu u aktar minn 5 400 ndarbu mis-7 ta' Ottubru 2023; billi s-sistemi ta' difiża tal-missili Iron Dome u David's Sling waqqgħu għadd kbir ta' aktar minn 11 000 rokit li ġew illanċjati lejn Iżrael, u b'hekk illimitaw b'mod sinifikanti l-għadd ta' vittmi Iżraeljani u salvaw il-ħajjiet kemm tal-Iżraeljani Għarab kif ukoll tal-Lhud;
- L. billi skont sħarriġ pubbliku Palestinjan, maġġoranza kbira tal-Palestinjani jappoġġjaw "reżistenza armata" kontra Iżrael, bi 72 % jemmnu li d-deċiżjoni tal-Hamas li jniedi l-attakk tas-7 ta' Ottubru 2023 kienet korretta; billi skont l-istess sħarriġ, kieku kellhom isiru elezzjonijiet fit-territorji Palestinjani, il-Hamas ikollu probabbiltà kbira ħa fna li jirbaħ dawn l-elezzjonijiet; billi 90 % tal-Palestinjani jridu li l-President Abbas jirriżenja;
- M. billi l-Hezbollah, li huwa proxy tal-Iran fil-Libanu, ikompli jllanċja rokits lejn Iżrael sabiex jipprovoka eskalazzjoni u jftaħ it-tieni front fuq il-fruntiera tat-Tramuntana ta' Iżrael; billi Iżrael irreaġixxa b'restrizzjoni, filwaqt li fl-istess ħin fittex deterrenza militari kontra l-aggressjoni tal-Hezbollah; billi l-Gvern Iżraeljan u l-IDF iddikjaraw li mhumiex interessati li jiftu front ġdid fit-Tramuntana;
- N. billi r-ribelli Houthis appoġġjati mill-Iran kienu qed jllanċjaw attakki bid-droni u rokits fuq il-belt Eilat fin-Nofsinhar ta' Iżrael u fuq għexieren ta' bastimenti tat-tbaħħir kummerċjali fil-Baħar l-Aħmar; billi l-attakki illegali, indiskriminati u imprudenti tal-Houthis fuq it-tbaħħir internazzjonali s'issa affettwaw 55 nazzjon, inkluż billi

pperekolaw il-ħajja ta' mijiet ta' baħħara; billi bħala riżultat tal-attakki tal-Houthis, l-Istati Uniti waqqfu l-koalizzjoni multinazzjonali "Operation Prosperity Guardian" biex tissalvagwardja t-tbaħħir fil-Baħar l-Aħmar; billi fit-12 ta' Jannar 2024, l-Istati Uniti, f'koordinazzjoni mat-truppi Brittaniċi u bl-appoġġ tal-Awstralja, il-Kanada, in-Netherlands u l-Bahrain, wettqu l-ewwel attakki fuq żoni kkontrollati mill-Houthis fil-Jemen;

- O. billi mill-21 organizzazzjoni mniżżla fil-lista ta' terroristi stabbilita mill-UE, sebgħa huma Palestinjani, inkluż il-Ħamas; billi t-terroriżmu, l-inċitament u l-vjolenza mhumiex kompatibbli mar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt Iżraelo-Palestinjan; billi l-UE u l-komunità internazzjonali ripetutamente irrikonoxxew id-dritt ta' Iżrael li jiddefendi lilu nnifsu kontra t-terroriżmu;
1. Jiddeplora t-terroriżmu u d-delitti tal-gwerra mwettqa mill-Ħamas u gruppi terroristiċi Palestinjani oħra kontra Iżrael u l-poplu Iżraeljan; jikkundanna, bl-aktar mod qawwi possibbli, it-tortura u l-abbuż psikoloġiku u sesswali rappurtati mill-Ħamas kontra ostaġġi Iżraeljani, inklużi tfal;
2. Jiddispjaċih għat-telf ta' ħajjiet innoċenti u l-impatt kbir fuq iċ-ċivili fil-gwerra li għaddejja; jesprimi s-sogħba u s-solidarjetà sħiħa tiegħu mal-vittmi innoċenti fuq iż-żewġ naħat, kif ukoll mal-familji u l-għeżież tagħhom, bħala riżultat tal-attakk ta' stmellija tal-Ħamas kontra Iżrael u l-konsegwenzi tiegħu; jesprimi tħassib dwar l-għadd għoli ta' mwiet irrappurtat fost il-Palestinjani, minkejja l-isforzi tal-IDF biex jimminimizza l-imwiet ta' ċivili Palestinjani innoċenti permezz tal-użu ta' twissija mmirata u minn qabel ta' attakki mill-ajru imminenti, fost affarijiet oħra; jiddeplora l-abbuż mill-Ħamas tal-infrastruttura ċivili Palestinjana, l-operazzjonijiet ta' għied tiegħu f'żoni b'densità għolja ta' ċivili, il-bini tiegħu ta' mini u l-użu tiegħu ta' tarki umani;
3. Jikkundanna l-fatt li l-KISA u n-Nofs Qamar l-Aħmar ma għamlux biżżejjed sforzi biex jiżguraw il-benesseri tal-ostaġġi Iżraeljani; jappella li l-KISA jingħata aċċess immedjat għall-ostaġġi Iżraeljani kollha li qed jinżammu f'Gaza u jipprovdihom il-kura medika meħtieġa; jappella li l-ostaġġi kollha jiġu rilaxxati minnufih, b'mod sikur u mingħajr kundizzjonijiet; iqis li t-tħabbira – għalkemm tard – li l-medikazzjoni se tiġi trasferita lill-ostaġġi Iżraeljani li qed jinżammu f'Gaza bħala pass pożittiv; itenni, madankollu, li l-fatt li qed jinżammu f'Gaza jibqa' delitt tal-gwerra;
4. Jišhaq li d-dritt internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali jridu jiġu applikati f'kull mument; itenni d-dritt ta' Iżrael li jiddefendi lilu nnifsu f'konformità mad-dritt internazzjonali; jirrifjuta bil-qawwa kwalunkwe ekwivalenza morali bejn il-Ħamas jew kwalunkwe organizzazzjoni terroristika Palestinjana oħra u l-operazzjonijiet ta' Iżrael jew tal-armata Iżraeljana;
5. Jappoġġja l-kontinwazzjoni tal-għajjnuna umanitarja permessa minn Iżrael u l-Eġittu biex tidħol f'Gaza u l-fatt li din tasal għand iċ-ċivili l-aktar fil-bżonn; jikkundanna bil-qawwa l-ħtif u s-serq ta' konvojs tal-għajjnuna mill-Ħamas; jišhaq li l-gwerra attwali bdiet bl-attakk terroristiku tal-Ħamas kontra Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023 u li kwalunkwe ftehim għal waqfien mill-għied irid jinkludi l-ħelsien tal-ostaġġi Iżraeljani kollha miżmuma f'Gaza, kif ukoll l-irfiġh tar-responsabbiltà għal dawk responsabbli għall-aktar atti brutali ta' terrur u delitti tal-gwerra;

6. Jissottolinja li ma jista' jkun hemm l-ebda rwol futur għall-Hamas jew għal kwalunkwe grupp terroristiku ieħor f'Gaza, speċjalment fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet mit-tmexxija tal-Hamas li se terġa' twettaq l-atroċitajiet tas-7 ta' Ottubru 2023 "darba wara oħra"; itenni li t-terroriżmu, l-inċitament u l-vjolenza mhumiex kompatibbli mar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt Izraelo-Palestinjan; jikkundanna d-delitti tal-gwerra mwettqa mit-tmexxija tal-Hamas kemm f'Gaza kif ukoll barra minnha u jitlob li l-awturi tar-reati jinżammu responsabbli; jistieden lill-Awtorità Palestinjana titbiegħed mill-inċitament u mill-organizzazzjonijiet terroristiċi u tikkundanna t-terroriżmu Palestinjan bl-aktar mod qawwi possibbli;
7. Itenni li l-ebda finanzjament tal-UE ma jista' jmur, la direttament u lanqas indirettament, għand organizzazzjonijiet terroristiċi, persuni affiljati ma' organizzazzjonijiet terroristiċi jew għal attivitajiet li jinċitaw il-mibegħda u l-vjolenza; jesprimi tħassib kbir dwar persuni affiljati ma' organizzazzjonijiet terroristiċi fil-lista tal-UE li kkandidaw ruħhom jew li jridu jikkandidaw ruħhom għal kariga politika Palestinjana;
8. Jappella lill-UE, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex tiżviluppa strateġija komprensiva mmirata biex twaqqaf ir-radikalizzazzjoni tal-Palestinjani żgħażaġh, kemm fis-soċjetà Palestinjana kif ukoll fil-komunitajiet Palestinjani u Għarab fl-Istati Membri; jiddeplora l-appoġġ għall-Hamas, għat-terroriżmu u għall-inċitament għall-qtil fit-toroq Ewropej u minn ċerti partiti u personalitajiet politiċi fl-Ewropa; iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali jrażżnu l-appoġġ għat-terroriżmu tal-Hamas u l-appelli għall-qtil tal-Lhud, l-Amerikani u l-Insara; jesprimi tħassib ulterjuri dwar l-attakki fuq in-negozji u n-nies Lhud fl-Ewropa fil-kuntest ta' żieda fl-antisemitiżmu fost gruppi speċifiċi f'ċerti Stati Membri;
9. Jikkundanna, bl-aktar mod qawwi possibbli, l-indħil dejjem jikber tal-Iran u tar-Russja fil-Lvant Nofsani, inkluż permezz tal-appoġġ tagħhom għal proxies bħall-Hamas, il-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina, il-Hezbollah, il-Houthis u r-reġim kriminali ta' Assad; jikkundanna, barra minn hekk, il-proliferazzjoni ta' missili u droni Iranjani, li wkoll jimminaw serjament is-sigurtà Ewropea; ifakkar fil-ħtieġa tal-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni 1701 (2006) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;
10. Iwissi kontra kwalunkwe eskalazzjoni ta' aggressjoni mill-Iran u l-proxies tiegħu kontra Iżrael; jiddeplora l-attakki tal-Houthis kontra Iżrael u l-bastimenti tat-tbaħħir kummerċjali fil-Baħar l-Aħmar; jilqa', f'dan id-dawl, l-"Operation Prosperity Guardian" immexxija mill-Istati Uniti biex tissalvagwardja t-tbaħħir fil-Baħar l-Aħmar u l-libertà tan-navigazzjoni, li trid tiġi żgurata f'kull mument;
11. Jemmen li l-kunflitt, it-terroriżmu u l-instabbiltà fil-fruntieri ta' Iżrael jaffettwaw b'mod negattiv il-prospettivi għal riżoluzzjoni tal-kunflitt Izraelo-Palestinjan; jappella lill-UE tiddeżinja minnufih lill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika, lill-Houthis u lill-Hezbollah bħala organizzazzjonijiet terroristiċi b'mod sħiħ; jappella li l-missjonijiet diplomatiċi Iranjani fl-Ewropa jkunu limitati minħabba l-involviment tal-Iran f'attivitajiet terroristiċi madwar id-dinja u l-appoġġ għalihom;
12. Jappella li ssir investigazzjoni biex jiġu esposti u kkundannati l-kuntatti internazzjonali tal-Hamas, inkluż mar-Russja, l-Iran u movimenti radikali tax-xellug, u dwar l-appoġġ

kontinwu li l-Hamas jirċievi mid-dinja kollha biex ixerred it-terror;

13. Jiddeplora l-inkitament għall-vjolenza, it-tifħir tat-terroristi, l-antisemitiżmu u d-diskors ta' mibegħda mgħallma fl-iskejjel f'Gaza permezz tal-kotba tal-iskola tal-Awtorità Palestinjana u materjal addizzjonali żviluppat mill-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-NU għar-Rifuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA), li huma mgħallma kemm fl-iskejjel tal-UNRWA, kif ukoll fl-iskejjel immexxija mill-Hamas f'Gaza; jisħaq li l-awturi tal-attakk tal-Hamas fuq Iżrael huma gradwati tas-sistema edukattiva ta' Gaza, li fiha jiġu mgħallma kotba tal-iskola u materjal edukattiv ieħor żviluppat bl-użu tal-fondi tal-UE; ifakkar li l-kotba tal-iskola mħallsa bil-fondi tal-UE jeħtieġ li jikkonformaw mal-istandards tal-UNESCO ta' paċi u tolleranza; jappoġġja investigazzjoni dwar l-attivitajiet tal-UNRWA f'Gaza u l-kapaċità tagħha li taħdem b'mod indipendenti mill-indhila mill-Hamas u organizzazzjonijiet terroristiċi Palestinjani oħra; jappella biex jittieħdu miżuri immedjati kontra l-għalliema u l-persunal tal-UNRWA li ċċelebraw, faħħru jew igglorifikaw l-attakk tal-Hamas kontra Iżrael;
14. Jikkundanna d-dikjarazzjonijiet tal-Prim Ministru ta' Spanja, Pedro Sánchez, u tal-Belġju, Alexander De Croo, fit-23 ta' Novembru 2023 fid-dawl tad-dritt leġittimu ta' Iżrael li jiddefendi lilu nnifsu kontra l-Hamas; jisħaq li dawn id-dikjarazzjonijiet intlaqgħu b'awgurju tal-mistħija u dizonerabbli mill-organizzazzjoni terroristika fil-lista tal-UE, il-Hamas, liż-żewġ Prim Ministri Ewropej;
15. Jirtira r-rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2023 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar ir-relazzjonijiet mal-Awtorità Palestinjana<sup>1</sup>, li tinkludi sejħa biex jinħelsu l-priġunieri politiċi Palestinjani kollha, inklużi l-membri tal-Hamas u ta' organizzazzjonijiet terroristiċi oħrajn;
16. Jappoġġja l-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja; jirrifjuta bil-qawwa, madankollu, l-allegazzjonijiet bla bażi li Iżrael qed "iwettaq ġenoċidju f'Gaza" mressqa mill-Afrika t'Isfel u t-tentattivi tal-pajjiż li jiċħad lil Iżrael id-dritt tiegħu li jiddefendi lilu nnifsu kontra t-terroriżmu Palestinjan; jemmen li l-attakk tas-7 ta' Ottubru 2023 mill-Hamas, inklużi l-massakri kontra l-Iżraeljani u l-intenzjoni tiegħu li jeqred lil Iżrael, jissodisfaw il-kriterji tal-ġenoċidju; jirrifjuta bis-sħiħ, barra minn hekk, ir-relazzjonijiet mill-qrib tal-Afrika t'Isfel mal-Hamas, inkluża t-telefonata tal-Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Afrika t'Isfel mal-figura għolja tal-Hamas Ismail Haniyeh, u l-merħba ta' delegazzjoni għolja tal-Hamas, 10 ijiem u xahrejn, rispettivament, biss wara l-atroċitajiet tas-7 ta' Ottubru 2023;
17. Jissottolinja li l-fora legali internazzjonali m'għandhomx jintużaw ħażin għall-istrumentalizzazzjoni politika, inkluż l-użu strateġiku tal-liġi; ifakkar lill-partijiet kollha li l-adozzjoni tal-Konvenzjoni tal-1948 dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju seħħet wara t-Tieni Gwerra Dinjija, wara l-Olokawstu, li matulu nqatlu sistematikament, fost l-oħrajn, sitt miljun persuna Lhudija mill-Ġermanja Nazista;
18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE

<sup>1</sup> Testi adottati, P9\_TA(2023)0283.

għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Knesset u lill-Gvern ta' Iżrael, lill-President tal-Awtorità Palestinjana u lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan.